**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru, 2017**

Numbru 4

**Rikors Nru. 874/2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1214/2017**

**Integrated Business Systems Limited**

**vs**

**Exigy Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited tal-25 ta' Settembru 2017 ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni 1214/2017 mahrug fil-konfront ta' Exigy Limited u dan a bazi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> 836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
> (f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieġ jew gustifikabbli.

Is-socjeta Integrated Business Systems Limited qed topponi preliminarjament ghal din it-talba billi Golden Harvest mhix parti fil-hrut tal-mandat ta' inibizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti taqbel ma' din l-oppozizzjoni billi l-mandat 1214/2017 inhareg kontra Exigy Limited biex hi ma tuzax ebda licenzja moghtija lilha minn Microsoft jew tippresta servizzi ta' diversi tipi fuq il-pogramma Dynamics NAV u dan sakemm customisations implimentati fuq tali programm lil terzi jigu imnehhija minn Exigy.

Il-Qorti tifhem illi Exigy, fil-mument ta' tali hrug ta' mandat kienet qed tippresta servizzi lil Golden Harvest fuq programm Dynamics NAV istallat lilha inkluz customisations li fil-fehma tal-Qorti kien jikkostitwixxi prima facie ksur tad-drittijiet intellettwali tas-socjeta IBSL.

Golden Harvest hi indirettament kolpita bl-effetti tal-mandat mahrug kontra Exigy izda mhix il-parti kolpita bil-mandat innifsu, liema mandat hu fil-konfront ta' Exigy li qed jinghad li kisret drittijiet intellettwali ta' IBSL. Semmai Golden Harvest ghandha tfittex kawtela ghal pretizi drittijiet taghha fil-konfront tas-socjeta li maghha ikkontrattat u li maghha jinstab l-interess guridiku cioe Exigy izda mhix kontra IBSL li ma ghandha ebda relazzjoni maghha la direttament u anqas indirettament peress illi l-allegat ksur ta' drittijiet prima facie fil-konfront ta' IBSL saru minn Exigy.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba ta' Golden Harvest ghal revoka tal-mandat u talbiet ohra konsegwenzjali jew alternattivi billi ma ghandha ebda locus standi fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1214/2017. Spejjez ghar-rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur